**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta' Gunju 2021**

Rikors Numru: 68/21 AL

A B

vs

C B D

(MR Nurmu 1094/84)

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-esponent u l-intimata iżżewġu fit-23 ta' Ġunju, 1984 (Dokument A), u miż-żwieġ tagħhom kellhom żewġ ulied, illi llum għandhom 'l fuq minn tlieta w għoxrin (23) sena.

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment b'mod definittiv in forza ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 t' Ottubru, 2019 (Dokument B u C). Il-manteniment li ġie ordnat li jitħallas skont is-sentenza hekk mogħtija dejjem tħallas mill-esponent.

3. Illi ma hemm l-ebda possibilita' kwalsiasi ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara xjolt iż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Ġunju, 1984);
2. Tordna illi ssir l-annotazzjoni opportuna tad-dikjarazzjoni tax-xoljiment taż-żwieġ tagħhom fl-att taż-żwieġ relattiv.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata a fol li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi din ir-risposta qegħda tkun intavolata ai termini tad-digriet datat 5 ta' Marzu, 2021 mogħti minn din il-Qorti;

2. Illi l-esponenti filwaqt li tikkonferma t-tlett premessi mressqa fir-rikors promotur ta' żewġha għal dikjarazzjoni ta' xoljiment taż-żwieġ tal-kontendenti, umilment tiġbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti illi hija temmen bis-sħiħ li żewġha qarraq sia bl-Ewwel Qorti u sia bil-Qorti tal-Appell meta ddikjara eluf ta' ewro bħala sehem indiviż minn diveri immobbli meta' l-kuntratti minnu ppreżentati l-Qorti kienu juru mod ieħor bl-iskop biex is-somma lilu dovuta mill-kommunjoni tal-akkwisti tkun inflated, tant li dwar dan il-pulizija qegħda tiġi mitluba tinvestiga u jekk jirriżulta fil-pożittiv mill-investigazzjonijiet, biex tmexxi kontra r-rikorrenti fuq sperġur;

3. Illi wara li l-Qorti tal-Appell, permezz ta' żewġ sentenzi varjat dak deċiż mill-Ewwel Qorti prinċipalment li ma kienx minnu li l-esponenti kienet responsabbli mit-tkissir taż-żwieġ kif ukoll, li kien ir-rikorrenti żewġha illi kien ikkometta adulterju ma' mara li l-identita' tagħha kienet ben saputa (fatt li r-rikorrenti ċaħad matul il-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u dunque żvija lill-istess Ewwel Qorti) u li jidher li issa jrid jiżżewwiġha (!)

4. Illi tajjeb li jingħad li l-Ewwel Qorti kienet ippreseduta mill-istess ġudikant ta' dawn il-proċeduri;

5. Illi konsegwenza tal-fatt tal-Qorti tal-Appell varjat iż-żewġ sentenzi tal-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti rritalja b' vendikazzjoni kontra l-esponenti billi talab sabiex propjeta' assenjata mill-Qorti lill-esponenti, għandha tinbiegħ bis-subbasta ħalli jitħallas dak li huwa ġie assenjat mill-Qorti bħala sehem parafernali u li qed jiġi kkontestat tramite l-pulizija kif fuq spjegat.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti toġġezzjona li t-talbiet tar-rikorrent żewġha kontemplati fir-rikors promotur tiegħu jkunu akkolti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Marzu 2021;

Rat ir-risposta tal-intimata li ġiet ikkonfermata minnha bil-ġurament u li permezz tagħha l-intimata oġġezzjonat li jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti u dana peress illi, skont hi, in konsegwenza tal-fatt li l-Qorti tal-Appell varjat iż-żewġ sentenzi tal-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti rritalja b'vendikazzjoni kontra l-esponenti billi talab sabiex propjeta` assenjata mill-Qorti lill-esponenti, ghandha tinbiegħ bis-subbasta ħalli jithallas dak li huwa ġie assenjat mill-Qorti bħala sehem parafernali u li qed jiġi kkontestat tramite l-pulizija, kif spjegat fir-risposta;

Illi l-Qorti eżaminat bir-reqqa s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell imsemmija fir-risposta tal-intimata. Ezaminat ukoll fid-dettal ir-risposta tal-istess intimata u tara illi l-intimata qegħda toġġezzjona li jintlaqgħu t-talbiet għad-divorzju minħabba, li skont hi, r-rikorrenti qarraq bl-Ewwel Qorti u bil-Qorti tal-Appell meta ddikjara eluf ta' Ewro bħala sehem indiviz minn diversi immobbli meta l-kuntratti minnu ipprezentati kienu juru mod ieħor u kif ukoll, peress illi skont hi, konsegwenza tal-fatt li l-Qorti varjat iż-żewġ sentenzi tal-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti rritalja b'vendikazzjoni kontra l-intimata billi talab biex propjeta` assenjata mill-Qorti lill-intimata tinbiegħ

bis-subbasta ħalli jithallas dak li huwa ġie assenjat mill-Qorti bħala sehem parafernali.

Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha msemmija mill-intimata ddur fuq il-valur ta' propjeta` parafernali u l-valur tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux fuq il-kwistjoni ta' manteniment;

Illi l-liġi, fejn tirrigwarda divorzju, hija ċara u tispeċifika illi divorzju ma jistax jigi milqugħ jekk ikun hemm pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment u mhux jekk skont xi ħadd mill-partijiet, il-qasma li saret fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll fil-propjeta` parafernali ma saritx sew jew kien hemm xi allegat abbuz fir-rigward ta' xi ħadd mill-partijiet. Għalhekk il-Qorti tara illi raġuni mogħtija mill-intimata fir-risposta tagħha m'hijiex waħda li teffetwa s-sentenza ta' din il-qorti fir-rigward ta' ħall taż-żwieġ.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat għalhekk illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Ottubru 2019 u *de facto* separati għal aktar minn erba` snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Takkorċja t-terminu għal-appell b'erbat ijiem.